MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1264/1991/1

**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Doris May mart William Mounfield**

**vs**

**Angelo Xuereb bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Ta' Kella Ltd, u Tonio Farrugia bhala Chairman u John Montegue, David Mc Monies, Robin Schooley-West u Rob Aitken bhala membri tal-Management Committee tas-Sunny Coast Resort Club u in rappresentanza tal-istess. U b''igriet tal-11 ta''Ottubru, 1993 Dr. Raymond Pace u P.L. Hilda Ellul Mercer gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Robin Schooley-West u Rob Aitken u b'digriet tal-24 ta' Marzu 1999 stante li Dr. Raymond Pace gie elevat ghal gudikatura, gie nominat Dr. Joseph Azzopardi minfloku, u b'digriet tal-25 ta' Frar 1994 gie kjamat-in-kawza Albert Muscat**

**in rappresentanza tas-socjeta' Suncrest Co. Ltd, u b'nota' tal-4 ta' Mejju 1994 Dottor Patrick Galea assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' Suncrest Co.Limited minflok Albert Muscat li jinsab imsiefer, u b'nota tad-9 ta' Mejju 1994 Albert Muscat assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' Suncrest Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur nomine fl-4 ta' Novembru, 1991 li fiha wara li ppremetta:

1. Illi fil-hdax (11) ta' Awissu elf, disa' mija u sebgha u tmenin (1987) ghal habta ta' nofs inhar (12.00p.m.) waqt li Doris May Mounfield kienet mixja vicin "*Swimming Pool"* tas-"Sunny Coast Resort Club" zelqet u waqghet ma' l-art u korriet bil-konsegwenza li sofriet u ghadha ssofri danni gravi;

2. Illi dan il-korriment gara bi htija tal-konvenuti jew ta' min minnhom u ghalhekk huma, in solidum jew xorta ohra jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur nomine;

3. Illi huma jew min minnhom naqsu li jhallsu lill-attur nomine dawn id-danni u ghalkemm interpellati;

Ghalhekk l-attur nomine talab li din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li huma solidalment jew xort'ohra jew min minnhom responsabbli ghall-korriment li l-attur nomine garrab fil-hdax (11) ta' Awissu elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987) waqt li kienet hdejn il-*pool* tas-Sunny Coast Resort Club u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attur nomine;

2. Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur nomine;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, lil kull wiehed minnhom ‘in solidum’ jew xorta ohra jew min minnhom ihallasu lill-attur nomine is-somma hekk likwidata bhala danni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom inkluz dawk tal-ittri ufficjali prezentati fit-12 ta’ Mejju, 1988, 8 ta’ Marzu, 1989 u 7 ta’ Marzu, 1991 u bl-imghaxijiet legali ngunti minn issa sabiex jidhru personalment ghas-subizzjoni;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti li fiha ecceppew:

1. Illi s-Sunny Coast Resort Club huma organizzazzjoni regolarment kostitwita (u mhux kummerc esercitat minn Angelo Xuereb) u Angelo Xuereb ma ghandux ir-rappresentanza gudizzjarja taghha;

2. Illi l-attrici stante li hija mizzewga m’ghandhiex id-dritt li tfittex u tagixxi wahedha u f’isimha;

3. Illi l-azzjoni hija preskritta a termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

4. Minghajr pregudizzju, ma kien hemm l-ebda att ta’ kummissjoni jew ommissjoni da parti ta’ xi wahda mill-konvenuti li jirrenduhom responsabbli ghad-danni;

5. Illi minghajr pregudizzju ma jista’ jkun hemm ebda solidarjeta’ passiva bejn il-konvenuti;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li fiha ecceppew:

1. Illi n-nuqqas ta' Gurisdizzjoni ta' din il-Qorti relattivament ghat-talba diretta kontra Sunny Coast Resort Club, li hija enti regolarment kostitwita taht il-ligi ta' u legalment domiciljata fil-"The Isle of Man"; qed tigi annessa ma' din l-eccezzjoni kopja tal-Kostituzzjoni tal-club Dok X.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' April, 1993, li in forza tieghu saret korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, fis-sens li kull fejn jidher il-kliem "Angelo Xuereb f'ismu propju u bhala ezecenti l-kummerc bl-isem Sunny Coast Resort Club", jigu sostitwiti bil-kliem "Tonio Farrugia bhala Chairman u John Montegue, David Mc Monies, Robin Schooley-West u Rob Aitken bhala membri tal-Management Committee tas-Sunny Coast Resort Club u in rappresentanza tal-istess";

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Ottubru, 1993, li in forza tieghu l-Avukat Dottor Raymond Pace u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew mahtura kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Robin Schooley-West u Rob Aitken fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li fiha ecceppew:

1. Illi l-eccipjenti m'humiex dedotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrizervaw li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni guramentata tal-istess kuraturi;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Tonio Farrugia bhala Chairman, John Montague u ta' David Mc Monies

bhala membru tal-Management Committee tas-Sunny Coast Resort Club u in rappresentanza tal-istess li fiha ecceppew:

1. Illi din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni ghaliex is-Sunny Coast Resort Club hija ente regolarment kostitwit u domiciljat fl-Isle of Man; l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 742 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

3. Minghajr pregudizzju ma kien hemm ebda att jew ommissjoni da parti tal-konvenuti eccipjenti li jirrenduhom responsabbli

4. Illi minghajr pregudizzju ma jista' jkun hemm ebda solidarjeta' passiva bejn il-konvenuti;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-Dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar, 1994, li in forza tieghu gie kjamat fil-kawza Albert Muscat in rappresentanza tas-socjeta' Suncrest Co. Ltd;

Rat in-Nota tal-Avukat Dottor Patrick Galea li permezz taghha assuma l-atti ghan-nom ta' Suncrest Limited minflok Albert Muscat li jinsab imsiefer;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Dr. Patrick Galea fil-kwalita' tieghu premessa eccepixxa:

1. Illi din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni ghaliex is-Sunny Coast Resort Club hija ente regolarment kostitwit u domiciljat fl-Isle of Man; l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 742 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjent ma kellu ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

4. Minghajr pregudizzju ma kien hemm ebda att jew ommissjoni da parti tal-konvenuti eccipjenti li jirrenduhom responsabbli;

5. Illi minghajr pregudizzju ma jista' jkun hemm ebda solidarjeta' passiva bejn il-konvenuti;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota ta' Albert Muscat li permess taghha assuma l-atti ghan-nom ta' Suncrest Co. Ltd;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-kuraturi deputati tal-assenti fejn ecceppew:

1. Illi fl-ewwel lok din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni ghaliex l-assenti huma residenti barra minn Malta, m'ghandhom ebda proprieta Malta, u di pui` jipprezentaw ente regolarment kostitwita u domiciljata fl-*Isle of Man*, u tali eccezzjoni hija bbazata fuq l-Art 742 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-eccippjenti m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-attrici;

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Art. 2153 tal-Kodici Civili;

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kaz de quo u m'ghamlu ebda att jew ommissjoni da parte taghhom li jirrendihom responsabbli;

5. Illi di piu` ma tezisti ebda solidarjeta’ mal-konvenuti l-ohra, proprio ghaliex personalment m’ghandhom x’jaqsmu xejn;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti moghtija fil-21 ta’ Marzu, 1996, li in forza taghha cahdet bhala nfondati l-eccezzjonijiet preliminari ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti fil-konfront ta’ Sunny Coast Resort Club u li l-attrici bhala mara mizzewga m’ghandhiex dritt tagixxi wahedha u f’isimha biss;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Ottubru, 1997, li in forza taghha cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti;

Rat id-Digriet taghha tad-29 ta’ Ottubru, 1998, li in forza tieghu gie nominat bhala Perit Tekniku l-AIC Frederick Doublet biex jispezzjona l-‘*pool area’* fis-Sunny Coast Resort Club u jikkostata fatti teknici rilevanti ghall-mertu tal-kawza fosthom il-kwalita’ tal-madum fil-*pool area*, l-posizzjoni tas-‘*slide’* hdejn il-*pool*, in-*non slip matting* madwar il-*pool* u fatti ohra li jistghu jigu ndikati matul l-istess access;

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti tal-24 ta’ Marzu, 1999, li in forza tieghu inhatar bhala kuratur deputat tal-assenti Robin Schooley u Rob Aitken l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi flok l-Avukat Dottor Ray Pace li gie elevat ghall-gudikatura;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-AIC Frederick Doublet minnu debitament mahlufa fis-seduta tal-14 ta’ Jannar, 2002;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti moghtija fit-3 ta’ Lulju, 2003, li *in forza* taghha cahdet l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, illiberat lis-Sunny Coast Resort Club u lis-socjeta’ Suncrest Limited mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma jirrizultax li huma l-legittimi kontraditturi tal-azzjoni attrici, cahdet l-eccezzjoni fil-meritu tal-kumpanija Ta’ Kella Limited (illum Holiday Resort Limited) fis-sens li hi mhux responsabbli ghall-incident, u laqghet *in parte* l-ewwel talba tal-attrici billi ddikjarat u ddeciedit li s-socjeta’ konvenuta Ta’ Kella Limited (illum Holiday Resort Limited) hija responsabbli ghall-korriment li l-attrici garbet fil-11 ta’ Awissu, 1987, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attrici, bl-ispejjez kollha ta’ din id-decizjoni kontra din is-socjeta’ Ta’ Kella Limited (illum maghrufa bhala Holiday Resort Limited).

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-21 ta’ Ottubru, 2003, li *in forza* taghha hatret lil Dr. Anthony Galea Debono, lil Mr. Charles Grixti u lil Ms Joan Camilleri bhala periti medici sabiex jezaminaw lil Doris Mounfield, u jirrelataw jekk l-incident *in kwistjoni* wassalx ghal xi dizabilita’ permanenti fl-istess Doris Mounfield.

Rat ir-rapport ipprezentat minn Dr. Anthony Galea Debono fl-14 ta’ Jannar, 2004, u minnu mahluf fit-18 ta’ Frar, 2004;

Rat ir-rapport ipprezentat minn Dr. Charles Grixti fl-1 ta’ Marzu, 2004, u minnu mahluf fit-23 ta’ April, 2004;

Rat ir-rapport ta’ Ms Joan Camilleri minnha ippresentat fis-16 ta’ April, 2004, u mahluf fit-23 ta’ April, 2004;

Rat in-noti tal-konvenuti tad-19 ta’ Frar, 2004, u tat-28 ta’ April, 2004, li bihom talab il-hatra ta’ periti addizzjonali fil-konfront tat-tlett periti medici aktar qabel menzjonati;

Rat it-talba tal-konvenuti ghal eskussjoni tal-periti medici;

Semghet lit-tlett periti medici *in eskussjoni*;

Rat li l-konvenuti, fit-3 ta' Mejju, 2005, irrinunzjaw ghat-talba taghhom ghal-hatra ta' periti addizzjonali fil-konfront ta' Mr. Charles Griscti, u li fl-20 ta' Mejju, 2005, irrinunzjaw ghall-istess talba fil-konfront ta' Ms Joan Camilleri;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Mejju, 2005, li *in forza* tieghu hatret bhala periti medici addizzjonali (biex jirrevedu r-rapport ta' Dr. Anthony Galea Debono) lil Dr. Norbert Vella, lil Dr. Lawrence Zrinzo u lil Dr. Josianne Aquilina;

Rat ir-rapport ta' dawn it-tlett periti addizzjonali pprezentat fis-27 ta' Settembru, 2005, u mahluf minn Dr. Lawrence Zrinzo fit-30 ta' Settembru, 2005, u min Dr. Norbert Vella u Dr. Josianne Aquilina fit-3 ta' Ottubru, 2005;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li din il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-attrici u zewgha huma sidien ta' *timeshare accomodation* f'Tennerife u fl-1986 iddecidew li jiskambjaw appartament u jigu jqattghu btala hawn Malta. L-arrangamenti mehtiega saru tramite l-RCI Exchange Bureau u fis-7 ta' Awissu, 1987, waslu Malta flimkien ma' binhom Craig; huma gew alloggjati fis-Sunny Coast Resort Club fil-Qawra. Fil-11 ta' Awissu tal-istess sena, ghall-habta ta' nofs inhar, waqt li l-attrici kienet miexja vicin is-*swimming pool* tal-lukanda, zelqet u waqghet mal-art, bil-konsegwenza li sofriet griehi personali ta' natura gravi. L-attrici qed tallega li dan l-incident huwa imputabbli lis-socjeta' konvenuta peress li din ma haditx hsieb tassigura li l-*area* madwar is-*swimming pool* tkun *safe* ghan-nies li juzaw dik l-*area.*

L-attrici fethet din il-kawza kontra Ta’ Kella Limited, il-Management Committee tas-Sunny Coast Resort Club, u s-socjeta’ Suncrest Company Limited; gew eccepiti diversi eccezzjonijiet li, fil-qosor, jistghu jigu elenkati kif gej:

A) Li s-Sunny Coast Resort Club hija organizzazzjoni regolarment kostitwita u mhix rappresentata minn Angelo Xuereb;

B) Li l-attrici wahedha, peress li hi mizzewga, ma setghetx tressaq din il-kawza;

C) Li l-azzjoni hi preskritta skond l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

D) Li l-konvenuti mhux responsabbli ghall-incident;

E) Li, f’kull kaz, ma tezisti ebda solidarjeta’ passiva bejn il-konvenuti;

F) Li l-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni tittratta l-kawza fil-konfront tas-Sunny Coast Resort Club peress li din hi registrata u domiciljata fl-*Isle of Man;*

G) Li s-Sunny Coast Resort Club u s-socjeta’ Suncrest Limited m’ghandhom ebda relazzjoni mal-attrici;

L-ewwel eccezzjoni, immarkat bl-ittra (A), giet ittrattata bid-digriet ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ April, 1993, li ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-konvenut biex ir-rappresentanza tas-Sunny Coast Resort Club giet tirrispekkja r-realta’ u, b’hekk, din il-Qorti dderimiet din l-ewwel eccezzjoni;

L-eccezzjonijiet markati bl-ittri (B) u (F) gew trattati u decizi finalment fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-7 ta’ Ottubru, 1997, li in forza taghha cahdet dawk iz-zewg eccezzjonijiet;

L-eccezzjonijiet l-ohra gew kollha ttratati u decizi fis-sentenza li tat din il-Qorti fit-8 ta' Lulju, 2003, li biha laqghet l-eccezzjoni immarkata bl-ittra (G), cahdet dik ta' preskrizzjoni markata bl-ittra (C), u cahdet ukoll l-eccezzjoni markata bl-ittra (D) fil-konfront ta' Ta' Kella Ltd (illum Holiday Resort Ltd) li giet dikjarata unikament responsabbli ghall-incident li fih wegghet l-attrici u ghad-danni konsegwenzjali. Jonqos issa li jigu likwidati d-danni li ghandhom jithallsu lill-attrici.

Jirrizulta li meta sehh l-incident, l-attrici kellha 48 sena, u kellha dhul ta' Stg 12,000 fis-sens, *oltre* hlasijiet ghal-*overtime* jew xoghol li jsir il-Hadd jew f'festi pubblici. Peress li hi kienet *nursing sister* ma kienx l-ewwel darba li kienet tahdem *overtime* jew f'festi pubblici; b'dawn l-extras hi kellha *average income* ta' Stg23,000 fis-sena. Hi irtirat mix-xoghol fl-1997, meta ghad kellha 58 sena; hi irtirat minhabba d-dizabilita' li sofriet peress li setghet tkompli tahdem sa ma taghlaq l-eta' ta' 65 sena. Qabel ma irtirat, hi kienet tahdem fuq *working week* ta' 22 siegha flok ta' 37 siegha kif kienet qabel. Hi giet imgieghla tnaqqas is-sieghat tax-xoghol minhabba d-dizabilita' li kellha, u ghalkemm ippruvat issib xoghol iehor fuq bazi *full-time*, hadd ma ried jimpjegha minhabba d-dizabilita' taghha.

Il-Qorti tara li l-attrici, qabel l-incident, kellha xoghol remunerattiv tajjeb, bi potenzjal ta' avvanzi fil-karriera u ziedet fis-salarju taghha. Tifhem, *pero'*, li aktar ma jghaddi z-zmien, ma kienx ikun possibbli ghaliha li tkompli tahdem l-*overtime* u l-festi pubblici kif kienet taghmel qabel, anke minhabba l-istress tax-xoghol taghha li bhala mara anzjana ma tkunx tista' tiflah ghalih bhal qabel. Ghalhekk, meta tqies ic-cirkustanzi tal-kaz, inkluz l-inflazzjoni li kull sena tgerrem fil-qligh ta' dak li jkun, il-Qorti jidhrilha li ghandha tahdem il-kwantifikazzjoni tal-kumpens fuq salarju anwali ta' Stg 20,000.

Dwar il-*multiplier*, meta tqies li l-attrici setghet tahdem b'mod regolari sal-eta' ta' 65 sena, izda mehud kont tal-kontingenza tal-hajja futura (ara "Caruana vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004), il-Qorti sejra tadotta figura ta' 12.

Dwar il-percentagg ta' dizabilita', jirrizulta li Dr. Charles Gristi kien irrelata li l-attrici kienet ghada tbati minn 10% grad ta' dizabilita', waqt li Ms Joan Camilleri, irrellatat li l-attrici kienet tbati minn 25% grad ta' dizabilita'. Il-Qorti taccetta dawn il-percentaggi. Saret osservazzjoni li d-dizabilita' ikkalkulata minn Ms. Camilleri, ma tirriflettix telf reali, *pero'*, l-Qorti tqis li l-attrici, qabel l-incident, kienet qed taghmel xoghol vokazzjonali, u b'rizultat tal-incident hi giet impeduta li jkollha sodisfazzjon vokazzjonali bhala *nurse*. Hi tilfet ukoll l-indipendenza taghha, u dawn huma kollha fatturi li jindikaw telf ta' kwalita' ta' hajja li ghalihom ghandu jinghata kumpens.

Dr. Anthony Galea Debono kien irrelata li mil-lat ortopediku l-attrici baqghet tbati minn 50% dizabilita'. Din il-figura giet kontestata b'talba ta' periti perizjuri, u dawn, wara li kkunsidraw il-kaz, naqsu l-percentagg bin-nofs, ghal 25%. Il-Qorti thoss li ghandha tistrieh fuq ir-relazzjoni tat-tlett tobba addizzjonali.

F'kaz li l-vittma ta' incident ikolli gradi differenti ta' dizabilita', il-figura totali ma tkunx it-total ta' kull percentagg, wiehed maghdud mal-iehor. F'dawn il-kaz ghandu jigi operat dak maghruf bhala *"weighted average"*. Meta wiehed jikkomputa d-dizabilita' totali din trid tigi konsiderata in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni *a priori* li multiplicita' ta' feriti jigu komputati komplessivament. Fil-fehma tal-Qorti, f'kazijiet simili ghandu jittiehed bilanc fir-rizultanzi ta' l-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali. Biex waslet ghal dan il-hsieb il-Qorti, tiehu spunt mid-decizjoni "Mark Caruana – vs – Grazio Camilleri", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1993 li rriteniet, b'adozzjoni ta' l-insenjament f'"Butler – vs – Heard", (Appell Civili, 22 ta' Dicembru, 1967), illi *"dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' nkapacita' f'sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat"*.

Fuq il-bazi ta' dan ir-ragjonament, din il-Qorti sejra tadotta rata ta' 40% ta' dizabilita'.

Il-Qorti tinnota li ghal dak li hi l-mizura tad-danni kieku kellhom jigu distillati l-bosta decizjonijiet fir-rigward, apparti l-bosta tentattivi li saru mal-milja taz-zmenijiet biex jigi mfittex il-kriterju tal-kalkolu l-aktar adattat u adegwat, insibu li t-temi l-aktar rikorrenti fihom jorbitaw ma' l-aspetti tac-cirkostanzi tal-kaz partikolari (sostrat principali dan tas-subinciz 2 ta' l-Artikolu 1045), l-kondizzjoni ta' min sofra d-dannu, ic-*"chances and changes of life"*, elementi innovattivi li jikkollokaw il-kumpens dovut ma' l-aspettattivi tal-hajja lavorativa u *"fair and reasonable compensation"*;

Jista' jinghad ukoll illi f'din l-istess gurisprudenza ma nsibu l-ebda kompensazzjoni perfetta. Dan johrog bic-car anke minn din l-osservazzjoni ta' dina l-Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet "Louis Vincenti *nomine et* – vs – Carmelo Micallef", moghtija fis-17 ta' Gunju, 1961:

*"Perfezzjoni aritmetika jew pjena u kompleta ad unguem fil-kumpens ma tistghax tigi pretiza, imma tista' tinghata dik biss li l-Inglizi jsejhu 'fair and reasonable compensation' derivanti mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li umanament hija possibbli"*.

Kif gja fuq inghad, *del resto* ravvizat ukoll f'bosta sentenzi, *"din id-disposizzjoni necessarjament u logikament thali hafna fid-diskrezzjonali prudenzjali tal-gudikant"* ("Joseph Borg – vs – Dr. Arturo Valenzio *nomine*", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Gunju, 1972; u "Bugeja vs Borg" deciza wkoll minn din il-Qorti fil-11 ta' Mejju, 1983).

Ghalhekk il-kumpens dovut lill-atturi bhala *lucrum cessans* ghandu jinhadem hekk:

Stg 20,000 x 12 x 40% = Stg 96,000

Peress li l-incident sehh fl-1987, mhux lok li jsir tnaqqis minhabba l-fatt li l-hlas sejjer isir f'daqqa (*"lump sum"*).

Bhala *damnum emergens*, l-attrici qed tirreklama s-somma ta' Stg 5,720 ghal diversi spejjez li kellha taghmel minhabba d-dizabilita' (inkluz xiri ta' karozza gdida tat-tip

awtomatic), u spejjez ohra ghat-trasport u l-giri li kellha taghmel: il-Qorti tillikwida din l-ahhar pretensjoni ghal Stg 200 bhala *fuel allowance*; l-ispejjez inkorsi huma gustifikati, u hafna minnhom huma koroborati b'ircevuta. Dan kollu jwassal ghal total ta' Stg 5,920.

B'hekk, il-kumpens totali dovut lill-atturi huwa ta' Stg 96,000 + Stg 5,920 = Stg 101,920 ekwivalenti ghal Lm63,700.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Ta' Kella Ltd (illum Holiday Resort Ltd) thallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm63,700 (tlieta u sittin elf u seba' mitt Liri Maltin), bhala danni, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza li sabet ir-responsabilita', u *cioe'*, mit-3 ta' Lulju, 2003, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza hlief dawk gia decizi, jithallsu kollha mis-socjeta' Ta' Kella Ltd (illum Holiday Resort Ltd), hlief ghad-dritt imhallas lill-perit mediku Dr. Anthony Galea Debono li ghandu jibqa' sopportat mill-attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------